# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Victor Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru: 249/15**

**Illum, 14 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 612260(M).

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-6.20 ta' filghaxija, gewwa Ta' Qali, limiti ta' H'Attard:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` diversi membri tal-Korp tal-Pulziija waqt li dawn kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; **Kap 9, Art 95**

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew ofenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika; **Kap 9, Art 338(bb)**

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom; **Kap 9, Art 338(ee)**

4. Talli fl-istess data, lok, hn u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; **Kap 9, Art 338(ee)**

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwwaqt li kont hiereg minn gewwa l-Istadjum Nazzjonali ta' Ta' Qali, gibt ruhek b'mod abbuziv. **LS 10.33 Reg (7)**

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita` skont il-ligi, tordna illi l-imputat ma jattendix fi grounds ta' sports ghall-dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja kif ukoll l-istqarrija tal-imputat;

Rat li l-imputat irregistra ammisjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu fi stadju bikri tal-proceduri;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli indikati; u cioe' l-Artikoli 95, 338(bb) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u L.S. 10.33 Reg.(7), qed issib lill-imputat **Victor Spiteri** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante illi l-akkuzi tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum kif ukoll multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

___________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**